**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Allan Pace**

**Kumpilazzjoni Numru: 1090/14**

**Illum, 5 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Allan Pace detentur tal-karta tal-identita` numru 120488M.

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-07 ta' Novembru 2014 ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta' wara nofs n-nhar (02:45p.m) ikommetta serq ta' 'handbag' b'diversi oggetti fih, ghad detriment ta Francesca Saliba u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-'valur' li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, u bix-'xorta ta' haga misruqa' (Art. 261(c), (g), 267, 271(g), 279(a) Kap 9.

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' hgiega ta' vettura numru ta' registrazzjoni FRN 021 tal-ghamla Hyundai, liema hsara

ma tiskorrix l-mitejn u hamsin euro (Euro 250) pero' tiskorri t-tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (Euro 23.29) ghad dannu ta' Francesca Saliba u/jew persuni ohra.. (Art. 325 (1)(c) Kap 9 tal-Kodici Kriminali)

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkunsidra lil hati bhala recediv ai termini ta' artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9, tal-Ligijijet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri ikunu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat li bih wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xhieda kollha inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq serq ta' somma zghira ta' flus izda li dan is-serq sar bi hsara volontarja fuq hgiega ta' karrozza li kienet ipparkjata f'San Giljan fis-sebgha (7) ta' Novembru elfejn u erbatax (2014) u dan ghad-dannu ta' Francesca Saliba. Illi inoltre l-imputat huwa addebitat l-aggravju tar-recidiva ai termini tal-Artikoli disgha u erbghin (49) u hamsin (50) tal-Kapitolu disgha (9) tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat illi mix-xhieda tal-allegat vittma **Francesca Saliba** hareg illi hija dakinhar tar-reat marret tigbor lit-tifla taghha mill-iskola fejn wara li pparkjat il-karrozza u gabret lit-tifla, lemhet ragel fejn il-karrozza taghha li qallha li ftit qabel ragel kisser il-hgiega tal-karrozza taghha u hadilha xi flus mill-basket taghha. Dan qallha wkoll illi meta wrieh illi kien qed jarah, il-halliel tefa' l-

basket fil-karrozza u telaq jigri u dahal f'karrozza misjuqa minn xi haddiehor. Dan qal illi l-halliel rah car u kellu mixja partikolari. Huwa rnexxielu jiehu r-registrazzjoni ta' din il-karrozza li hi JAS 091.

Saliba tghid illi nsterqulha xi ghaxar ewro (€10) kontanti izda mill-bqija kollox baqa' hemm. Hija gabet stima tal-hsara fuq il-karrozza taghha li tammonta ghal tlieta u tmenin ewro (€83) li dawn jinsabu a fol. sebgha (7) u fol. erbgha u erbghin (44) tal-Process li dawn il-hsarat gew debitament ikkonfermati bil-gurament;

Illi mix-xhieda ta' **Jacob Borg** hareg illi dan kien il-persuna li ra kollox isehh quddiemu fejn dan qal li ra karrozza tal-lewn blu li minnha hareg ragel li beda jdur mal-karrozza tal-vittma, kisser il-hgiega, qabad il-basket li kien fil-karrozza u wara rega' poggih lura. Huwa jghid illi gharaf sew lill-imputat bhala dik il-persuna li kissret il-hgiega u rah eventwalment jidhol passiggier gol-karrozza l-blu;

Ikkunsidrat illi hadet konjizzjoni tas-sentenzi rigward l-addebiti tar-recidiva li jinsabu a fol. hamsa u hamsin (55) *et seq* tal-process;

Ikkunsidrat u rat il-prova dwar il-propjetarju tal-vettura allegatament involuta fir-reat u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAS 091 li giet ikkonfermata mir-rapprezentant tat-Transport Malta **Stephen Cachia** li tappartjeni lill-imputat Allan Pace u li sal-mument tar-reat ma giet trasferita lil hadd;

Ikkunsidrat illi ghal xi raguni gie kkumissjonat bi zball *Pre Sentencing Report* maghmul mill-*Probation Officer* Mary Rose Farrugia Dok. MRF 1, izda li fil-verbal tat-tletin (30) ta' Ottubru elfejn u sbatax (2017), id-difiza attirat l-

attenzjoni tal-Qorti li minflok kellu jigi kkummissjonat *Social Enquiry Report* u dan stante li l-imputat qatt ma ammetta l-akkuzi kontrih;

Ikkunsidrat illi ghalkemm l-Ufficjal tal-Probation ghamlet analizi approfondita tal-passat tal-imputat u li issa qieghed f'relazzjoni stabbli ma' persuna u li ghandu mpjieg, ghal ghajn il-Qorti l-imputat ma ghamel xejn sabiex juri verament li huwa biddel hajtu u/jew li rripara ghall-hsara li kkaguna bhal per ezempju hallas lill-vittma anke jekk dan ma riedx formalment jammetti l-akkuzi kontrih;

Illi l-provi migjuba fil-konfront tal-imputat li kkommetta l-akkuzi kontrih huma cari wisq illi din il-Qorti mhix ser toqghod tanalizza n-natura tar-reati addebitati lilu. Il-provi juru illi l-imputat inniffsu kisser il-hgiega tal-vettura ta' Francesca Saliba u hadilha kwantita' zghira ta' flus hekk kif xehdet hi li normalment wahdu dan ikun jammonta ghal serq semplici, izda peress li kien hemm it-tkissir tal-hgiega dan jaghmel ir-reat aktar gravi. Di piu' l-imputat ghandu fedina penali kkulurita u din hija hasra ghaliex jinghad li l-imputat qabad din il-hajja mhux minhabba xi dipendenza li ghandu izda minhabba li jiffrekwenta kumpanija hazina;

Ikkunsidrat illi ghalhekk l-imputat inghata diversi okkazzjonijiet fejn seta' jaqbad it-triq it-tajba b'mod definittiv anke permezz ta' Ordnijiet ta' Probation, izda li ma ghamilx u ghal din ir-raguni ser timponi piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn ir-raguni u wara li rat l-Artikoli 17(h), 31 (1)(b), 49 u 50, 284 u 285, 325 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Allan Pace** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih izda ghar-rigward l-ewwel (1) akkuza ssibu

hati biss ta’ serq semplici u mhux aggravat bl-ammont, u tikkundannah ghal seba’ (7) xhur prigunerija.

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**